

Brussell, 29 ta' Novembru 2024
(OR. en)

16179/24

RECH 520
COMPET 1158

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	29 ta' Novembru 2024
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 15553/24	
Suġġett:	It-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE, it-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u li tingħeleb il-frammentazzjoni tagħha - Konklużjonijiet tal-Kunsill (29 ta' Novembru 2024)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar *It-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE, it-tisħiħ taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u li tingħeleb il-frammentazzjoni tagħha*, approvati mill-Kunsill fl-4063 laqgħa tiegħu li saret fid-29 ta' Novembru 2024.

KONKLUŻJONIJET TAL-KUNSILL DWAR IT-TISĦIĦ TAL-KOMPETITTIVITÀ TAL-UE, IT-TISĦIĦ TAŻ-ŻONA EWROPEA TAR-RIĊERKA U LI TINGĦELEB IL-FRAMMENTAZZJONI TAGĦHA

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR

- fil-konklużjonijiet tiegħu tat-28 ta' Mejju 2021 dwar l-Approfondiment taż-Żona Ewropea tar-Riċerka: Nagħtu lir-riċerkaturi karrieri u kundizzjonijiet tax-xogħol attraenti u sostenibbli u nagħmlu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ realtà, li jenfasizzaw li flussi mhux uniformi ta' riċerkaturi jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-livell nazzjonali u f'dak Ewropew u jisħqu fuq il-ħtieġa li jingħata appoġġ għas-sistemi ta' riċerka bi prestazzjoni aktar baxxa biex dawn isiru aktar attraenti;
- fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tas-26 ta' Novembru 2021 dwar il-Patt għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fl-Ewropa, kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħu dwar il-governanza futura taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER), li jipprevedu kooperazzjoni msaħħa fost l-Istati Membri tal-UE biex titrawwem ŻER kompetittiva;
- fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni (NEIA) tat-2 ta' Diċembru 2022, li jenfasizzaw l-importanza ta' ċirkolazzjoni tal-imħuħ ibbilanċjata, u jenfasizzaw il-ħtieġa li jitħaffef l-aċċess għall-finanzjament għat-tkabbir għal negozji ġodda u l-SMEs, biex jitrawmu, jiġu attirati u jinżammu t-talenti, inkluż dawk tat-teknoloġija profonda, biex jittejjbu u jiġu kkonsolidati l-ekosistemi tal-innovazzjoni u biex tiġi indirizzata d-diskrepanza fl-innovazzjoni fl-Ewropa;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tat-2 ta' Diċembru 2022 dwar l-Infrastrutturi ta' Riċerka, li b'mod partikolari jappellaw biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà fit-tul tal-infrastrutturi ta' riċerka Ewropej, u għall-progress fl-ekosistema tal-infrastrutturi ta' riċerka fl-Ewropa;

- fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2023 u April 2024, li jissottolinjaw l-importanza li jitrawwem ambjent aktar favorevoli għall-innovazzjoni bbażat fuq xjenza eċċellenti li taċċellera l-adozzjoni u l-espansjoni tas-suq u żżid l-investimenti futuri biex tintlaħaq il-mira tan-nefqa ta' 3 % tal-PDG fir-R&D;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tat-8 ta' Diċembru 2023 dwar it-tisħiħ tar-rwol u l-impatt tar-riċerka u l-innovazzjoni fil-proċess tat-tfassil tal-politika fl-Unjoni, li jaċċennaw li l-proċessi tat-tfassil tal-politika mnebbħa mix-xjenza jistgħu jtejb u l-kwalità u jsaħħu l-koerenza tal-inizjattivi ta' politika u jsaħħu l-kompetittività tal-Unjoni u li aktar koordinazzjoni fl-ekosistemi kollha tal-innovazzjoni u użu aktar effiċjenti tal-kapaċitajiet u r-riżorsi kollha jtejb u l-kompetittività u l-prestazzjoni tal-innovazzjoni tal-Unjoni u l-ħajja taċ-ċittadini;
- fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2023 dwar qafas Ewropew biex jiġu attirati u miżmuma t-talenti fir-riċerka, l-innovazzjoni u l-intraprenditorija fl-Ewropa, li tappella għal kundizzjonijiet qafas biex ir-riċerkaturi b'talent jinżammu fl-Unjoni, tisħaq fuq l-importanza li jiġu appoġġati karrieri attraenti fir-riċerka u li tissaħħaħ il-kapaċità tal-ġestjoni tar-riċerka;
- fir-Rakkomandazzjoni tat-2 ta' Diċembru 2022 dwar il-prinċipji gwida għall-valorizzazzjoni tal-ġharfien, li l-mira tagħha hi l-adozzjoni ta' linja komuni dwar miżuri u inizjattivi ta' politika għat-titjib tal-valorizzazzjoni tal-ġharfien fl-Unjoni;
- fir-Rakkomandazzjoni tiegħu tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tisħiħ tas-sigurtà tar-riċerka, li għandha l-mira ta' aktar konsistenza fl-approċċ madwar l-Unjoni u tirrakkomanda li l-Istati Membri jaħdmu biex jiżviluppaw u jimplimentaw sett koerenti ta' azzjonijiet ta' politika biex tissaħħaħ is-sigurtà tar-riċerka;
- fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Mejju 2024 dwar it-tisħiħ tal-valorizzazzjoni tal-ġharfien bħala għodda għal industrija reżiljenti u kompetittiva u għal awtonomija strateġika f'ekonomija miftuħa fl-Ewropa, li jappellaw għall-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-finanzjament ta' riskju u ż-żieda ta' avvjament privat u pubbliku u l-kapital tat-tkabbir, kif ukoll l-interkonnessjoni tal-ekosistemi tal-innovazzjoni, l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija u atturi oħra tal-ekosistemi li għandhom jiġu ffaċilitati;

- fil-konklużjonijiet tiegħu tat-23 ta' Mejju 2024 dwar l-evalwazzjoni ex post ta' Orizzont 2020 u l-prospetti futuri, b'enfasi fuq ir-rwol ċentrali tal-Programm Qafas bħala l-istrument ċentrali fil-livell tal-UE biex jappoġġa r-R&I;
- fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Ottubru 2024 dwar l-implimentazzjoni taż-ŻER, li tqis il-progress miksub, filwaqt li tiddekrivi perkorsi possibbli għall-evoluzzjoni u l-iżvilupp taż-ŻER fil-futur;
- fir-rapport ta' Letta ppubblikat fl-10 ta' April 2024, li jappella għar-realizzazzjoni tal-ħames libertà tas-Suq Uniku billi jsir possibbli, fost affarijiet oħra, il-moviment liberu tar-riċerka u l-innovazzjoni;
- fir-rapport ta' Draghi ppubblikat fid-9 ta' Settembru 2024 li jħeġġeġ lill-UE tiftaħ il-bibien lill-potenzjal li għandha għall-innovazzjoni billi tmexxi l-fokus tal-isforzi kollettivi tagħha biex tneħħi d-diskrepanza fl-innovazzjoni bejnha u bejn ekonomiji globali oħra,

Rwol imsaħħaħ tar-R&I fit-tisħiħ tal-kompetittività tal-UE

1. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE li ssaħħa il-kompetittività fit-tul tagħha, il-prospertà, in-newtralità klimatika sal-2050, u l-pożizzjoni fuq quddiem fix-xena globali. JENFASIZZA r-rwol ċentrali moqdi mill-politiki tar-R&I tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-kisba ta' dan l-oġġettiv. JIPPROMWOVI l-integrazzjoni tar-R&I fil-qalba tal-istrateġiji tal-Unjoni u tal-Istati Membri. JAFFERMA MILL-ĠDID li sabiex tissaħħa il-kompetittività tal-UE, huwa importanti ferm li titjieb il-pożizzjoni internazzjonali u fuq quddiem tal-Unjoni permezz ta' riċerka applikata, fundamentali u rivoluzzjonarja u ta' innovazzjoni fixkiela, kif ukoll l-eċċellenza xjentifika. JISĦAQ fuq l-isfidi interkonnessi u li qed jikbru li qed tiffaċċa l-Unjoni biex tagħti spinta lill-kompetittività, tħaffef it-tranżizzjoni doppja, tiżgura l-koeżjoni u l-inklużività, u tiżgura kemm is-sigurtà ekonomika kif ukoll l-awtonomija strateġika, filwaqt li żżomm ekonomija miftuħa. IQIS li r-R&I konformi mal-valuri fundamentali u l-prijoritajiet tal-UE, inkluż il-kompetittività abbinata mas-sostenibbiltà ekonomika, ambjentali u soċjali, għandha taqdi rwol kruċjali biex jingħelbu dawn l-isfidi.

2. JIEĦU NOTA tar-rapport ta' Draghi dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea, bil-mira li titrawwem il-kompetittività tal-Unjoni, speċjalment fit-teknoloġiji avvanzati. JILQA' l-analiżi dettaljata tar-rapport tal-kompetittività globali u x-xejriet fir-riċerka u l-innovazzjoni, il-viżjoni tiegħu fejn ir-R&I tista' tikkontribwixxi biex ittejjeb il-produttività u l-kompetittività, u JFAKKAR fid-Dikjarazzjoni ta' Budapest¹ li tissottolinja l-urġenza għat-tneħħija tad-diskrepanza fl-innovazzjoni kemm mal-kompetituri globali tagħna kif ukoll fl-UE.
3. ITENNI l-importanza kruċjali taż-żieda fl-investiment fir-R&Ż u li tintlaħaq il-mira li jintnefaq 3 % tal-PDG, imtennija l-aħħar mill-Kunsill Ewropew fil-konklużjonijiet tiegħu tas-17-18 ta' April 2024 u fid-Dikjarazzjoni ta' Budapest tat-8 ta' Novembru 2024 sabiex din il-mira tintlaħaq sal-2030, filwaqt li JENFASIZZA l-bżonn tal-użu effiċjenti tal-fondi tal-programm qafas tal-UE għar-R&I u jiġi żgurat l-allinjament bejn il-fondi nazzjonali u dawk tal-UE, biex b'hekk jiġu mobilizzati l-investimenti addizzjonali pubbliċi kif ukoll privati. IFAKKAR li l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-evalwazzjoni ex post ta' Orizzont 2020 għarfu l-ħtieġa ta' baġit adegwat u ta' stabbiltà matul il-fażi ta' implimentazzjoni tal-programm qafas tal-UE għar-R&I mingħajr preġudizzju għall-QFP futur tal-Unjoni. IFAKKAR fil-ħtieġa tal-mobilizzazzjoni tal-investimenti pubbliċi marbuta mar-R&Ż fil-livell nazzjonali u dak tal-UE, u tat-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki u riformi tar-R&I li ser joħolqu l-kundizzjonijiet tajba biex jiġu iċċentivati investimenti privati akbar fir-R&Ż. Barra minn hekk, IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jidentifikaw it-taħlita politika ottimali li ser iżżid in-nefqa privata għal żewġ terzi tal-investimenti fir-R&Ż.

¹ [Dikjarazzjoni ta' Budapest dwar il-Patt Ġdid dwar il-Kompetittività Ewropea](#)

4. JINNOTA li l-għarfien u l-ideat imexxu l-kompetittività u li l-Unjoni tiddependi fuq il-mobilizzazzjoni effettiva tat-talent u tal-kreattività tal-komunità tar-R&I tagħha kollha kemm hi billi trawwem l-aċċess għall-finanzjament tar-R&I u l-kollaborazzjoni bbażata fuq l-eċċellenza xjentifika u permezz ta' miżuri konkreti favur is-simplifikazzjoni. Għalhekk JARGUMENTA FAVUR l-investiment f'sistemi nazzjonali tar-R&I u fi programmi qafas tar-R&I tal-UE li jkunu ffukati u effiċjenti u li jiffinanzjaw R&I eċċellenti. Barra minn hekk, JISĦAQ fuq l-importanza li jiġu indirizzati l-isfidi soċjoekonomiċi Ewropej u globali permezz ta' kollaborazzjonijiet pan-Ewropej wiesgħa, inklużivi u strateġiċi bl-involvement kemm ta' entitajiet pubbliċi kif ukoll daww privati u JENFASIZZA l-valur miżjud Ewropew ta' proġetti tar-R&I kollaborattivi kemm fuq skala kbira kif ukoll żgħira.
5. JAGĦRAF li importanti jingħeleb id-distakk fl-innovazzjoni fost l-Istati Membri sabiex titjieb il-kompetittività Ewropea. JIRRIKONOXXI l-isforzi sinifikanti li saru f'dan ir-rigward, madankollu għad hemm bżonn li jsir progress sostanzjali. Għalhekk, JENFASIZZA li t-tnaqqis tad-distakk fl-innovazzjoni jeħtieġ sforz kontinwu permezz ta' riformi u investimenti nazzjonali u programmi rilevanti tal-UE li jappoġġaw ir-R&I, mingħajr preġudizzju għall-QFP futur. Għalhekk, IFAKKAR fl-istedina lill-Kummissjoni biex tivvaluta u tippreżenta l-impatt ta' diversi opzjonijiet lejn approċċ aktar effettiv, inkluż azzjonijiet imfassla apposta għall-pajjiżi bi prestazzjoni baxxa fir-R&I, li jqisu l-kawżi primarji identifikati u jikkontribwixxu biex jitneħħa d-distakk fir-R&I. JINNOTA li t-tixrid tal-eċċellenza permezz tal-kollaborazzjoni fost l-Istati Membri jikkontribwixxi biex jiġi evitat l-approfondiment tal-inugwaljanzi eżistenti.
6. JENFASIZZA li huwa essenzjali li l-ekosistemi tar-R&I jibqgħu jinbnew u jissaħħu billi jkunu interkonnessi l-atturi tal-ispiral kwadruplu fil-livell tal-UE, nazzjonali u dak reġjonali u jiġi żgurat l-impatt tar-riżultati tar-riċerka eċċellenti u s-soluzzjonijiet innovattivi biex jiġu indirizzati l-isfidi soċjoekonomiċi u jissaħħu l-awtonomija strateġika u s-sovranià diġitali. JIRRIMARKA li dawn l-ekosistemi tar-R&I għandhom jirriflettu l-isfidi, il-ħtiġijiet u l-opportunitajiet, billi pereżempju jkomplu jibnu fuq l-oqsma strateġiċi tas-saħħa reġjonali, f'konformità mal-prinċipju tal-istrateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti.

7. JENFASIZZA l-importanza tat-tfassil ta' politika u ta' deċiżjonijiet imnebbaħ mill-evidenza fil-livell tal-UE u dak nazzjonali, u ta' proċess ta' kokreazzjoni li jippermetti lill-atturi kollha fl-ispiral kwadru (id-dinja akkademika, il-gvern, l-industrija u s-soċjetà) jgħaddu fihom l-għarfien u l-esperjenza tagħhom.
8. JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza tal-kooperazzjoni internazzjonali biex tixpruna l-eċċellenza u r-R&I ta' livell dinji meħtieġa biex tittejjeb il-kompetittività tal-Ewropa u biex jintlaħqu l-isfidi tas-soċjetà fir-rigward tat-tibdil fil-klima, is-saħħa u d-diġitalizzazzjoni mas-sħab globali. Minħabba r-rilevanza ġeopolitika dejjem akbar tar-R&I, JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ miżuri proporzjonati u effiċjenti biex tittejjeb is-sigurtà tar-riċerka.

Ir-rwol taż-ŻER fiż-żieda tal-kompetittività u fit-tnaqqis tal-frammentazzjoni

9. JAPPOĠĠA t-tisħiħ taż-ŻER, peress li dan jikkontribwixxi għall-kompetittività tal-Unjoni. JENFASIZZA l-progress sinifikanti skont l-ewwel Aġenda ta' Politika taż-ŻER (2022-2024) u l-importanza li jittieħed kont tat-tagħlimiet meħuda. JISĦAQ fuq ir-rwol kruċjali moqdi mill-qafas ta' politika l-ġdid taż-ŻER u l-istrutturi ta' governanza taż-ŻER stabbiliti fl-2021, b'mod partikolari l-approċċ ta' kodisinn u koimplimentazzjoni. JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza li jinkiseb l-impenn ta' mill-anqas nofs l-Istati Membri sabiex jiġi żgurat appoġġ politiku wiesa' għall-implimentazzjoni tal-Aġenda Politika taż-ŻER u approċċ volontarju u flessibbli għall-implimentazzjoni tal-azzjonijiet taż-ŻER, l-hekk imsejjaħ kunċett tal-ġeometrija varjabbli, filwaqt li jirrikonoxxi l-ħtieġa li tkompli l-ħidma flimkien biex jinkiseb is-suq uniku għall-għarfien, ir-riċerka u l-innovazzjoni u titnaqqas il-frammentazzjoni kif imtenni fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni taż-ŻER.
10. JAPPOĠĠA l-ambizzjoni tal-fażi l-ġdida tal-Aġenda Politika taż-ŻER (2025-2027) li taċċellera inizjattivi konġunti għat-tisħiħ tal-valuri fundamentali tar-R&I u tal-kapaċitajiet fl-Ewropa, u toħloq sinerġiji bejn ir-R&I u l-politiki tal-edukazzjoni, industrijali u daww settorjali, kif mitlub mill-Patt għar-R&I. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jinżamm fokus fuq il-kisba ta' eżiti tanġibbli u riżultati li jħallu impatt permezz ta' sett ta' azzjonijiet simplifikati b'mod trasparenti u effiċjenti sabiex jintlaħqu l-oġettivi taż-ŻER. JENFASIZZA li l-azzjonijiet taż-ŻER għandhom jindirizzaw il-prijoritajiet tal-Patt, jimmiraw li jsibu bilanċ xieraq bejn pjan ta' ħidma ambizzjuż u fattibbli, u jwieġbu għall-ħtieġa ta' azzjonijiet konġunti fil-livell Ewropew.

11. JAPPROVA l-importanza tat-tisħiħ tas-sinerġiji bejn fondi u programmi rilevanti tal-Unjoni u tal-Istati Membri, sabiex jappoġġa l-iżvilupp taż-ŻER; b'mod partikolari, ITENNI l-ħtieġa għal allinjament aħjar tal-Programm Qafas mal-qafas ta' politika taż-ŻER. IFAKKAR fl-importanza li tiġi żgurata l-konsistenza bejn l-azzjonijiet taż-ŻER u l-inizjattivi ta' politika rilevanti, bħall-Aġenda Ewropea Ġdida għall-Innovazzjoni. JINNOTA li dawn is-sinerġiji għandhom ikunu mmirati espliċitament lejn ir-realizzazzjoni tal-Aġenda Strateġika tal-UE (2024-2029).
12. ITENNI l-ħtieġa ta' rwol imsaħħaħ għall-Kumitat taż-Żona Ewropea tar-Riċerka u l-Innovazzjoni (KŻER) fl-istabbiliment tal-prijoritajiet u fl-ippjanar strateġiku, b'mod konġunt, flimkien mar-rwol tal-Forum taż-ŻER u ta' gruppi tematiċi rilevanti oħra fl-implimentazzjoni tal-Aġenda Politika taż-ŻER, li jwasslu għal koordinazzjoni u allinjament aħjar bejn l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-politika tal-UE u dik nazzjonali. JILQA' l-fatt li ż-ŻER imġedda wasslet għal iżjed involviment tal-organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati u JISSUĠĠERIXXI ż-żieda fil-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati, partikolarment l-industrija, permezz ta' rieżami tal-kategoriji rrappreżentati fil-Forum taż-ŻER.
13. JIRRIMARKA li r-rakkomandazzjonijiet rilevanti mir-rapport ta' Letta, b'mod partikolari dwar il-"ħames libertà", u dawk mir-rapport ta' Draghi għandhom jitqiesu fil-kuntest tal-Artikolu 179(1) TFUE, sabiex tiġi żviluppata ŻER li tiffunzjona bis-sħiħ. JISTIENEN lill-Kummissjoni biex taħdem f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, u fejn xieraq ma' Pajjiżi Assoċjati u organizzazzjonijiet tal-partijiet ikkonċernati għall-iżvilupp taż-ŻER billi jitneħħew l-ostakli li fadal għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa tar-riċerkaturi, l-għarfien xjentifiku, it-teknoloġija u d-data, u tingħata spinta lill-implimentazzjoni tal-Patt għar-R&I u s-Suq Uniku. IFAKKAR li oqsma strateġiċi ta' interess komuni jistgħu jinkludu l-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija, ix-xjenza miftuħa, il-kooperazzjoni tranżnazzjonali u internazzjonali, il-bilanċ bejn il-ġeneri fir-R&I, il-programmazzjoni konġunta, il-karrieri fir-riċerka u l-mobbiltà tar-riċerkaturi, kif ukoll riformi strutturali taż-ŻER.

14. JENFASIZZA l-importanza tal-monitoraġġ tal-progress tal-iżviluppi fir-realizzazzjoni taż-ŻER u JIRRIKONOXXI li l-Mekkaniżmu ta' Monitoraġġ taż-ŻER jipprovdi fatti u informazzjoni intuittiva dwar il-progress. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jirfinaw dan il-mekkaniżmu billi jifformulaw ir-rapporti taż-ŻER għall-pajjiżi b'mod kollaborattiv minn esperti u mill-Istati Membri, u jipprovdu qafas ta' appoġġ li jrawwem impenn aqwa għal riformi nazzjonali fir-R&I u tfassil tal-politika mnebbaħ mix-xjenza.

Niftħu l-Bibien u Nagħtu s-Setgħa lill-Potenzjal tat-Talent tal-Ewropa

15. JIRRIKONOXXI li t-talent huwa assi ewlieni biex jitmexxew 'il quddiem it-tkabbir ekonomiku, il-kompetittività, l-innovazzjoni u l-iżvilupp teknoloġiku, kif ukoll il-progress soċjetali. IFAKKAR li l-prijoritajiet maqbula fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-karrieri fir-riċerka, inkluż il-libertà tad-dinja akkademika, l-awtonomija istituzzjonali u perspettivi adegwati tal-karrieri, jaqdu rwol ewlieni fl-iżvilupp tat-talent tar-R&I u fiż-żamma tal-Ewropa bħala post globalment attraenti għar-riċerka. Għalhekk JIPPROMWOVI politiki, inizjattivi u programmi nazzjonali kif ukoll Ewropej li jinkoraġġixxu ċ-ċirkolazzjoni tal-imħuħ u jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ, kif ukoll jappoġġaw it-talent u l-karrieri, bħall-Kunsill Ewropew tar-Riċerka (ERC) u l-Azzjonijiet Marie Skłodowska-Curie. JINKORAĠĠIXXI l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri, il-bilanċ bejn il-ġeneri, l-oportunitajiet indaqs u l-inklużività għar-riċerkaturi irrispettivament mill-kuntest li jkunu ġejjin minnu, u l-promozzjoni tal-użu, l-implimentazzjoni u l-monitoraġġ ta' strumenti ta' bidla istituzzjonali, bħal pjanijiet inklużivi għall-ugwaljanza bejn il-ġeneri.
16. JISĦAQ fuq l-importanza tal-ftuħ u t-tisħiħ tan-networks mal-Ewropa kollha għar-riċerkaturi, l-intraprendituri, l-innovaturi, u l-ġestjonarji tar-riċerka, u lill-professjonisti ta' appoġġ, sabiex jippermettu ċirkolazzjoni aħjar tal-għarfien, l-ideat u n-nies. JENFASIZZA li l-valur miżjud mal-Ewropa kollha u r-rekord tal-azzjonijiet tal-Kooperazzjoni Ewropea fix-Xjenza u t-Teknoloġija (COST) fil-ħolqien ta' networks Ewropej tar-R&I inklużivi li qed iħallu impatt lil hinn mill-ambitu tagħhom sabiex jiġġeneraw għarfien eċċellenti u kollaborazzjonijiet tar-R&I.

17. IHEĠĠĠĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu s-setgħa lir-riċerkaturi, lill-intraprendituri, lill-innovaturi u lill-ġestjonarji tar-riċerka u lill-professjonisti ta' appoġġ kollha biex itejbu l-ħiliet, il-kompetenzi u l-attitudnijiet tagħhom lejn l-eċċellenza u l-impatt, filwaqt li jippermettu l-adozzjoni ta' teknoloġiji diġitali, sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tas-suq u tas-settur. IQIS li għandha tingħata wkoll aktar attenzjoni lill-karrieri tar-riċerkaturi fi stadju bikri u d-disparità bejn il-ġeneri fi kwalunkwe politika futura, kif ukoll li tiżdied il-viżibbiltà tal-mudelli eżemplari u ta' stejjer ta' suċċess li jistgħu jrawmu t-talent. JENFASIZZA li ż-żieda fil-kompetittività teħtieġ bidla fl-attitudni tal-atturi fis-sistemi tar-R&I għall-interkonnessjoni tax-xjenza, ir-riċerka, l-innovazzjoni, l-intraprenditorija, il-valorizzazzjoni tal-għarfien u t-teħid tar-riskju, jiġifieri permezz tal-mobbiltà intersettorjali u d-djalogu.

Nibnu konnessjonijiet: Insaħħu l-Infrastrutturi tar-Riċerka u t-Teknoloġija tal-Ewropa

18. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-Infrastrutturi Ewropej tar-Riċerka u t-Teknoloġija bħala assi strateġiċi biex tingħata spinta lir-R&I, l-iskoperti xjentifiċi u l-iżviluppi tat-teknoloġija profonda u li l-għarfien jissarraff f'innovazzjoni fil-livelli reġjonali, nazzjonali u dak Ewropej, u tat-taħriġ u l-impjieġ ta' riċerkaturi u professjonisti b'ħiliet għolja. JIEĦU NOTA tal-kapaċità li għandhom l-Infrastrutturi tar-Riċerka u t-Teknoloġija biex jaqdu rwol qawwi fiż-żieda tal-potenzjal tar-R&I tal-organizzazzjonijiet li jwettqu r-riċerka (RPOs), negozji ġodda u SMEs, u l-industrija fl-ekosistemi lokali u reġjonali, u b'hekk tissaħħaħ il-kompetittività, u tingħeleb il-frammentazzjoni. JINKORAĠĠIXXI użu u implimentazzjoni aħjar tal-faċilitajiet u tas-servizzi tal-Infrastruttura tar-Riċerka u t-Teknoloġija madwar l-UE kollha. JILQA' l-progress li sar mill-Kummissjoni biex tippreżenta rapport dwar il-politiki li jappoġġaw l-Infrastrutturi tat-Teknoloġija fl-UE u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli taħdem flimkien mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati.

19. IFAKKAR fid-Dikjarazzjoni ta' Tenerife dwar l-Infrastrutturi tar-Riċerka², li tappella għal sostenibbiltà fit-tul ta' tali infrastrutturi, u li ma tkoprix biss id-disinn u l-bini tagħhom, iżda wkoll il-governanza, l-operat u l-forniment ta' servizzi tagħhom, li għalihom għandhom jiġu esplorati skemi u mekkaniżmi xierqa ta' finanzjament. ITENNI li jkunu meħtieġa aktar azzjonijiet konkreti fil-livell nazzjonali u dak Ewropew biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, b'mod partikolari għal involviment aħjar ta' Stati Membri iżgħar. Barra minn hekk, JISĦAQ fuq ir-rwoli komplementari tal-Kummissjoni, tal-Istati Membri u tal-atturi privati, sabiex jinkiseb il-finanzjament meħtieġ għall-infrastrutturi tar-riċerka u t-teknoloġija b'rilevanza Ewropea (speċjalment il-proġetti mwettqa tal-ESFRI u l-ERICs) biex jippermettu iżjed aċċess u li dan ikun aktar inklużiv.
20. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu x-xjenza miftuħa u l-prattiki u l-infrastrutturi ta' innovazzjoni miftuħa, li jiffaċilitaw il-kondiviżjoni tal-għarfien, id-data u r-riżorsi f'pajjiżi differenti, skont il-prinċipju ta' "kemm jista' jkun miftuħ, magħluq kemm meħtieġ".

Nixprunaw l-Innovazzjoni: Niffaċilitaw it-Tkabbir u l-Investiment fl-Ewropa

21. IQIS li hija prijorità li jiġu żgurati kundizzjonijiet tal-qafas tan-negozju li jkunu flessibbli u favur l-investituri għal innovazzjoni allinjata max-xejriet globali li jiffaċilitaw l-operazzjoni u t-tkabbir ta' negozji ġodda u negozji li qed jespandu fis-Suq Uniku, u b'hekk tingħata spinta lill-innovazzjoni u jissaħħu l-kapaċitajiet teknoloġiċi u l-kompetittività tal-Unjoni.
22. JAGĦRAF l-importanza ta' innovazzjoni u teknoloġiji fixkiela biex tittejjeb il-kompetittività tal-UE. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jinvestigaw il-ħtieġa li jiġu żviluppati skemi ta' appoġġ li jippromwovu attivitajiet ta' innovazzjoni b'riskju għoli/b'rendiment għoli. JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa li jibqgħu jiġu appoġġati t-tipi kollha tal-innovazzjoni – mill-innovazzjoni inkriminali sa dik rivoluzzjonarja – u jiġi żgurat li l-SMEs jiġu appoġġati jinnovaw u jsaħħu r-reżiljenza tagħhom, li taċċellera l-kompetittività.

² [230926_Declaration_Tenerife.pdf](#)

23. JINNOTA li, kif indikat fir-rapport ta' Draghi, id-defiċit tal-UE fl-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda u l-espansjoni tagħhom sabiex jiksbu l-potenzjal sħiħ tan-negozju tagħhom huwa wkoll ir-riżultat ta' nefqa privata insuffiċjenti fir-R&I u ta' ekosistema finanzjarja relattivament sottożviluppata. JISĦAQ fuq l-importanza li investimenti ta' kapital ta' riskju privat jintużaw fil-finanzjament għall-innovazzjoni u JTENNI l-importanza li jiġu inkoraġġuti investimenti pan-Ewropej privati biex jindirizzaw il-fallimenti fis-suq kruċjali. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu inċentivi għall-investituri privati, l-investituri informali, u l-pjattaformi ta' finanzjament kollettiv biex iżidu l-investment privat fil-finanzjament tal-innovazzjoni u jintegraw il-kultura ta' investment li jieħu r-riskji. JIRRIKONOXXI l-importanza tat-tisħiħ u s-simplifikazzjoni tal-użu strateġiku tal-akkwist tal-innovazzjoni, biex jitħaffu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' soluzzjonijiet innovattivi fl-Ewropa.
24. JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jagħmlu l-istrumenti ta' finanzjament aktar attraenti, effiċjenti u inqas kumplikati għall-applikanti u l-benefiċjarji billi jnaqqsu b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv tagħhom (speċjalment fil-każ tal-investimenti ta' kapital ta' riskju), filwaqt li jifirxu l-użu ta' skadenzi flessibbli u ta' ambjent ta' esperimentazzjoni regolatorja.
-